MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## SILVIO MELI

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2007

Avviz Numru. 394/2006

**Philip Micallef**

**vs**

**Khaled Awad**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba ta' l-attur ghall-kundanna ta' l-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elf u seba' mitt Lira Maltin, (LM1,700.00,0), import ta' erba' u tletin (34) –il kambjala skaduta, liema somma tirrapprezenta wkoll bilanc ta' prezz ta' vettura tal-marka Jetta li ghandha n-numru ta' registrazzjoni EAO – 407 lilu mibjugha u kkonsenjata;**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' qbid numru 3253/06 u tal-mandat ta' sekwestru numru 3367/06 u bl-imghaxijiet legali bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%)**

**fis-sena mid-data ta’ l-iskadenza ta’ kull kambjala sad-data ta’ l-effettiv pagament kontra l-konvenut ingurnt minn issa in subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta’ Mistoqsijiet ta’ l-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fis-6 ta’ Novembru tas-sena 2007 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba ta’ l-attur bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**Marisa Borg**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------